MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 9/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Matthew Buttigieg**

Numru 9/2015

Illum 24 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Matthew Buttigieg,** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, iben Anthony u

Vincenza neé Portelli, imwieled Rabat, Ghawdex, fid-29 ta' Lulju 1991, u residenti 56, 'Eden', Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex, numru tal-Karta tal-Identita' 31191(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Frar 2014, u fiz-zminijiet qabel waqt li kien qieghed fi residenza bin-numru 70, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex u f'dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "B"), u l-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939) issib lill-imputat Matthew Buttigieg hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-

Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "F" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------